# BORD LI JIRREGOLA L-KONTROLL TA' KIRI TA' RABA'

# MAĠISTRAT DR. SIMONE GRECH

**Rikors Numru 1/2020 SG**

**Eileen Busietta**

**vs**

**Paul u Joseph aħwa Borg**

**Illum, 29 ta' Ottubru, 2020**

Il-Bord,

Ra r-rikors ippreżentat minn Eileen Busietta fit-3 ta' Frar 2020, fejn esponiet bir-rispett:

I. *Illi l-esponenti tikri lill-intimati r-raba' maghrufa bhala 'Tal-ballut' gewwa l-Wardija, limiti ta' San Pawl il-Bahar, komprizi numru ta' strutturi go fiha, versu l-qbiela ta' erbatax-il Ewro uu sitta u hamsin centezmu (EUR 14.56) fis-sena, pagabbli nhar is-16 ta' Dicembru ta' kull sena'*
II. *Illi l-porzjonijiet ta' art, komprizi l-istrutturi ta' go fihom, li huma mqabblin mill-esponenti lill-intimati huma dawk immarkati fuq il-pjanta hawn annessa (DOK A);*
III. *Illi dan l-ahhar, l-esponenti giet a konoxxenza tal-fatt illi l-intiamti wettqu diversi hsarat fir-raba' mqabbla lilhom u fl-istrutturi komprizi fl-istess raba' u anke naqsu milli jaghmlu uzu u/jew ghamlu uzu hazin minn diversi porzjonijiet tal-istess raba' u dan kif jirrizulta car mir-rapporti tal-Perit Arkitett Mark Perein u mir-ritratti hemm annessi, ossija fost ohrajn:*

*A) Naqsu milli jiehdu hsieb l-istrutturi, ezistenti fl-entratura tar-raba' liema strutturi jidhru kompletament abbandunati wara li kienet anke saritilhom estensjoni mhux awtorizzata mill-esponenti bil-bricks, kif jirrizulta mir-rapport u mir-ritratti hawn annessi (DOK B);*

*B) Naqsu milli jiehdu hsieb tarag tal-gebel ezistenti fuq ir-raba' tant illi llum il-gurnata dan bil-kemm ghadu jintgharaf bhala tali, kif jirrizulta mir-rapport u mir-ritratti hawn annessi (DOK C);*

*C) Naqsu milli jiehdu hsieb il-farmhouse li wkoll tidher abbandunata ghal kollox, kif jirrizulta mir-rapport u mir-ritratti hawn annessi (DOK D);*

*D) Naqsu milli jaghmlu uzu u/jew ghamlu uzu hazin minn diversi porzjonijiet mir-raba' mqabbla lilhom kif jirrizulta mir-rapport u mir-ritratti hawn annessi (DOK E).*

*Illi l-agir tal-intimati kkaguna u qieghed ikompli jikkaguna hsara estensiva fir-raba' komprizi l-istrutturi ta' go fiha, proprjeta' tal-esponenti u dan kollu jmur kontra l-kondizzjonijiet tal-kirja de quo;*

*Illi inoltre l-hsarat u n-nuqqas ta' uzu u/jew l-uzu hazin hawn fuq imsemmija jikkostitwixxu ksur mill-aktar flagranti tad-disposizzjonijiet tal-Att dwar it-Tigdid ta' Kiri ta' Raba' (Kapitolu 199 tal-Ligijiet ta' Malta) u l-esponenti ghandha kull interess illi tipproteggi r-raba', komprizi l-istrutturi ta' go fiha, proprjeta' taghha.*

*Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha hawn fuq premessi, l-esponenti umilment titlob lil dan l-Onorabbli Bord sabiex joghgbu, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportune, jawtorizza lill-istess esponenti sabiex tirriprendi l-pussess tar-raba' maghrufa bhala 'Tal-Ballut' gewwa l-Wardija, limiti ta' San Pawl il-Bahae, komprizi l-istrutturi kollha ta' go fiha, minghand l-intimati, fi zmien qasir u perentorju li joghgbu jiffisa dan l-istess Onorabbli Bord ghal dan l-iskop u dan that dawk il-pattijiet u l-kundizzjonijiet kollha li dan l-istess Onorabbli Bord jista' jidhrulu li jkunu xierqa u opportuni.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimati li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni u b' rizerva ghal kwalsiasi azzjoni ghad-danni u/jew ghall-kumpens spettanti lill-esponenti fil-konfront tal-intimati skond il-ligi.*

Ra r-rikors konġuntiv tal-partijiet ippreżentat fis-16 ta' Settembru 2020, fejn il-partijiet talbu lil dan il-Bord, sabiex jippronunzja sentenza finali fil-kawża odjerna, fit-termini tal-ftehim ta' transazzjoni raġġunt bejniethom.

Ra li l-Bord laqa' din it-talba fis-16 ta' Settembru 2020;

Ra li din il-kawża ġiet differita għas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Jirriżulta li ai termini ta' ftehim raġġunt bejn il-partijiet fis-16 ta' Marzu 2020, il-partijiet qablu li l-kirja agrikola viġenti bejniethom, għandha titqies xolta u terminata b'effett mill-15 ta' Marzu 2021.

**Decide**

Għaldaqstant, dan l-Onorabbli Bord qiegħed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, fis-sens li qed jawtorizza lill-istess rikorrenti, sabiex tirriprendi l-pussess tar-raba' magħrufa bħala Tal-Ballut, ġewwa l-Wardija, limiti ta' San Pawl il-Baħar, kompriżi l-istrutturi kollha ta' ġo fiha, mingħand l-intimati, b'effett mill-ħmistax (15) ta' Marzu, tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021).

Il-Bord jordna li l-ispejjeż relattivi jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Maġistrat Dr. Simone Grech

Janet Calleja
Deputat Reġistratur